# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Illum il-Ġimgħa, 28 ta' April 2017**

**Rikors Ġuramentat Numru: 45/2006 PC**

**Carmel Cauchi**

**vs**

**Direttur tal-Artijiet u b'digriet tat-22 ta' Novembru 2012
l-isem ġie jaqra Kummissarju tal-Artijiet;
u għal kull interess li jista' jkollha Mary Cauchi
u b'digriet tat-30 ta' Ottubru 2015, il-ġudizzju ġie
trasfuż għal fuq Michael Cauchi, Josephine mart
Nazzareno Abela, Salvina mart Joseph Hili, Jane mart
Peter Attard u Carmel Cauchi, minflok Mary Cauchi stante
l-mewt tagħha fil-mori tal-kawża; u b'digriet tal-11 ta' Jannar 2013,
ġew kjamati fil-kawża Salvina Hili u Jane Attard.**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu l-attur, wara li ppremetta:

Illi missier l-esponenti, Joseph Cauchi, kien l-inkwilin ta' porzjon mit-territorju 'Ta' Għajn Naħrin', limiti ta' Qala, Għawdex, Tenement No. Z50133; preċiżament '*third portion fo Farm 'Ta' Għajn Naħrin', Qala'*.

Illi dan Joseph Cauchi miet fit-tmienja (8) ta' Ottubru elf disa mija tmienja u sebgħin (1978) u wirtuh ex lege l-ħamest uliedu, ċjoe' l-attur Michael Cauchi, Josephine Abela, Jane Attard u Salvina Hili;

Ili fid-data tal-mewt ta' Joseph Cauchi, r-raba kien jinħadem flimkien miegħu mill-esponenti illi għalhekk issuċċeda fid-drittijiet lokatizji tiegħu kollha fit-termini tal-Kap. 199 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi minkejja l-Kummissarju tal-Artijiet ad insaputa tal-attur qabad u rrikonoxxa lill-armla u lill-ulied kollha bħala inkwilini ta' din l-art; u dan permezz ta' ittra tat-3 ta' Marzu 2006 – wara li b'ittra oħra tat-18 ta' Lulju 2005 kien irrikonoxxa lil Mary Cauchi waħedha bħala inkwilina tal-istess raba;

Illi wara dik l-ittra l-aħwa l-oħra, u ċioe' Josephine Abela, Salvina Hili u Jane Attard irrikonoxxew lill-esponenti bħala l-persuna intitolata li jiġi rikonoxxut bħala inkwilin b'diversi skritturi separati;

Illi dan ir-rikonoxximent ta' inkwilinat favur Mary Cauchi u Michael Cauchi, sar bi ksur tad-drittijiet lokatizji tal-attur, bħala attwali inkwilin tal-istess art;

Illi l-konvenuti qegħdin jirrifjutaw li jaċċettaw il-validita' tad-drittijiet tal-esponenti u jirrexxindu r-rikonoxximent fuq ċitat.

Talab lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi r-rikonoxximent magħmul minnek il-Kummissarju tal-Artijiet tal-konvenuti l-oħra bħala ko-inkwilini tar-raba fuq imsemmi bis-saħħa tal-ittra tat-3 ta' Marzu 2006 sar bi preġudizzju tad-drittijiet vestiti tal-attur;

2. Tiddikjara illi l-attur huwa l-uniku persuna intitolata sabiex jiġi rikonoxxut bħala inkwilin tal-istess raba;

3. Tikkundanna lilek Kummissarju tal-Artijiet sabiex tirrikonoxxi biss lill-attur bħala inkwilin tar-raba 'Ta' Għajn Naħrin', fil-limiti tal-Qala fuq imsemmi.

Bl-ispejjeż, u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa intom inġunti.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenuti Mary Cauchi u Michael Cauchi li eċċepew:

1. Illi preliminarjament l-azzjoni kif proprosta ma hijiex dik idoneja, iżda semmai hija l-proċedura indikata fl-artikolu 469A tal-Kap. 12 dik idoneja (Stħarriġ Ġudizzjarju ta' Azzjoni Amministrattiva);

2. Illi fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għal premess, it-talbiet ta' l-attur għandhom jiġu miċħuda stante illi r-rikonoxximent magħmul mill-Gvern a favur tal-konvenuti huwa wieħed legali;

3. Illi fit-tielet lok u mingħajr preġudizzju għal premess, id-Direttur tal-Artijiet ma huwiex il-leġittimu kontradittur f'din il-kawża imma semma huwa l-Kummissarju tal-Artijiet;

4. Illi fir-raba lok u mingħajr preġudizzju għal premess, ma huwiex minnu li l-attur huwa l-uniku persuna intitolata sabiex jiġi rikonoxxut bħala inkwilin tar-raba de quo li kienet tinħadem mid-decuju Joseph Cauchi li jiġi r-raġel u l-missier tal-konvenuti rispettivament u dan peress illi huma kienu jaħdmu din ir-raba;

5. Illi fi kwalunkwe każ, din il-Qorti ma tistax tikkundanna lill-Kummissarju ta' l-Artijiet sabiex jirrikonoxxi lill-attur bħala inkwilin tar-raba "Ta' Għajn Naħrin", fil-limiti tal-Qala u dan peress illi:

   (a) Il-Kummissarju ta' l-Artijiet ma huwiex parti fil-kawża;

   (b) L-inkwilina tar-raba de quo, f'każ li l-ittra ta' rikonoxximent datata 3 ta' Marzu 2006 ma tibqax fis-seħħ, hija biss il-konvenuta Mary Cauchi u dan skond ma jirriżulta mill-ittra ta' rikonoxximent datata 18 ta' Lulju 200005 u għalhekk l-ebda azzjoni ma tista' tittieħed mill-attur illum fil-konfront tal-konvenuta u ta' din l-aħħar ittra hawn imsemmija stante li għadda ż-żmien stipulat fil-liġi;

   (c) Sid ir-raba de quo, (ċioe l-Gvern ta' Malta) ma jistax jiġi ordnat lil min iqabbel jew jikri r-raba tiegħu. Din żgur li ma hijiex il-funzjoni tal-Qorti.

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenut Kummissarju tal-Artijiet li eċċepixxa:

1. Illi l-Kummissarju ta' l-Artijiet irrikonoxxa lill-mara tad-deċedut Joseph Cauchi u ħamsa minn uliedu skond il-proċedura li jistabilixxi l-Att dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba (Kap. 199) tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi skond l-Artikolu 2 ta' l-imsemmi Att, '*"kerrej ", tinkludi kull membru tal-familja li jkun cessjonarju tal-kirja u, wara l-mewt tal-kerrej, meta ma jkun hemm ebda membru bhal dak, tinkludi f'ordni ta' preferenza kull membru tal-familja li jkun legatarju tal-kirja jew li, matul l-ahhar sena minnufih qabel il-mewt tal-kerrej, kien jghix mal-kerrej jew kien qed jahdem ir-raba' mieghu jew ghalih jew ikun il-werriet tal-kerrej'*;

3. Illi inoltre, apparti li r-rikonoxximent tar-rikorrent minn tlieta minn ħutu bħala l-persuna li għandu jieħu f'idejh il-kirja tar-raba in kwistjoni seħħ wara li kien diġa' sar ir-rikonoxximent min-naħa ta' l-esponent, ir-rikonoxximent ta' Josephine Abela ma jiswiex. Dan peress li hija qatt ma rikonoxxuta mill-esponent werriet għax wriet ruħha mhix interessata f'tali rikonoxximent billi qatt ma irrispondiet lid-Dipartiment dwar jekk kienitx tgħix mal-mejjet jew le. Oltre għal dan, stante li l-inkwilini in kwistjoni ġew rikonoxxuti mid-Dipartiment *in solidum* bejniethom, ma jistax ikun hemm rinunzja tad-dritt tal-kirja a favur persuna waħda iżda biss a favur ta' min jibqa' rikonoxxut, u ċioe' f'dan il-każ, Mary Cauchi, Michael Cauchi u r-rikorrent Carmel Cauchi;

4. Illi għaldaqstant it-talbiet tar-rikorrent ma jistgħux jintlaqgħu stante li r-rikorrent ma kellu ebda drittijiet vestiti fil-liġi versu ħutu l-inkwilini l-oħrajn, u kieku kellu jiġi rikonoxxuty hu biss dan ikun qed isir bi vjolazzjoni tal-liġi.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

Rat is-sentenza tagħha tas-27 ta' Ġunju 2007 li permezz tagħha ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti Cauchi li din il-kawża messa saret a bażi tal-artikolu 469A tal-Kap. 12.

Rat id-digriet tagħha tal-11 ta' Jannar 2013 fejn ordnat il-kjamata fil-kawża ta' Salvina Hili u Jane Attard.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-istess kjamati fil-kawza fis-sens:

1. Illi qatt ma kienet l-intenzjoni tagħhom li jirrinunzjaw għad-drittijiet lokatizzji fuq l-għalqa "Ta' Għajn Naħrin", fil-limiti tal-Qala, Għawdex, liema raba tifforma parti mit-*third portion of Farm* Għajn Naħrin, Qala, tenement Nru. Z50133 u meta huma marru għand l-Avukat Dr. Carmelo Galea huma iffirmaw biex ma jiġux imħarrka fil-kawża u mhux għar relament riedu li jirrinunzjaw għal dawn id-drittijiet tagħhom ġia minnhom akkwiżiti;

2. Illi fil-fatt l-esponenti jinkwadraw ruħhom fl-Artikolu 2 tal-Kapp. 199 tal-Liġijiet ta' Malta għaliex kienu jgħixu mal-kerrej missierhom fil-mument tal-mewt tiegħu, kienu jaħdmu dan ir-raba miegħu u huma wkoll werrieta tal-istess kerrej;

3. Illi fi kwalunkwe każ, *datum sed non concessum*, anke kieku l-istess rinunzja hija waħda valida, stante li l-inkwilini ġew rikonoxxuti "in solidum", qatt ma seta' jkun hemm rinunzja ta' kirja favur persuna waħda imam a favur ta' min jibqa' rikonoxxut u ċioe' ta' Mary Cauchi, Michael Cauchi u Carmel Cauchi;

4. Illi fi kwalunkwe każ, f'każ li l-ittra ta' rikonoxximent datata 3 ta' Marzu 2006, ma tibqax fis-seħħ, l-inkwilina tar-raba "de quo" hija biss Mary Cauchi, skond ma jirriżulta mill-ittra tar-rikonoxximent data 18 ta' Lulju 2005 u għalhekk l-ebda azzjoni ma tista' tittieħed mill-attur illum fil-konfront tal-konvenuta, Mary Cauchi dwar ir-rikonoxximent tat-18 ta' Lulju 2005 stante li għadda ż-żmien stipulate mil-liġi;

5. Illi għaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti ma jistgħux jintlaqgħu stante li l-istess rikorrenti ma kellu l-ebda drittijiet vestiti fil-liġi versu ħutu l-inkwilini l-oħrajn, u kieku kellu jiġi rikonoxxut hu biss dan ikun qed isir bi vjolazzjoni tal-liġi.

Salv risposti ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.

Rat id-digriet tagħha tat-30 ta' Ottubru 2015 fejn awtorizzat lill-konvenut Michael Cauchi u l-kjamati fil-kawża Jane Attard u Salvina Hili biex jippresentaw eċċezzjoni ulterjuri dwar in-nuqqas ta' nteress ġuridiku fl-attur.

Rat ir-Risposta ġuramentata ulterjuri tal-istess konvenut u kjamati fil-kawżza fis-sens:

1. Illi l-attur ma għandx għandu interess ġuridiku li jipromwovi din il-kawża stante li huwa aċċetta l-wirt tal-mejta ommu Mary Cauchi u konsegwentement aċċetta wkoll id-disposizzjonijiet tat-testment ta' ommu hekk kif kontenuti fl-aħħar testment tagħha tal-5 ta' Jannar 2006 u partikolarment fit-tieni artikolu tal-istess testment.

Salvi u fermi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet tagħha tal-20 ta' Jannar 2017 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat in-Noti tal-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda prodotti, l-affidavits u d-dokumenti oħra esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-attur qed jitlob lill-Qorti tordna lill-konvenut Kummissarju tal-Artijiet, bħala s-sid ta' porzjon art mit-territorju magħruf bħala "ta' Għajn Naħrin" limiti tal-Qala, Għawdex, (Tenement No. Z50133, u preċiżament dak indikat fir-reġistri tad-Dipartiment bħala "third portion of farm 'ta' Għajn Naħrin', Qala"), sabiex jirrikonoxxi lilu bħal uniku inkwilin, u mhux biss bħala ko-inkwilin flimkien ma' ommu u ħutu ta' din l-art, kif

għamel l-istess Kummissarju permezz ta' ittra tat-3 ta' Marzu 2006. Il-konvenuti u sussegwentement il-kjamati fil-kawża, qed jopponu t-talba għad-diversi raġunijiet migjuba fir-Risposti Ġuramentati rispettivi, u r-risposta ulterjuri.

Ġara illi permezz ta' skrittura privata tal-4 ta' Awwissu 1975, missier l-attur kien ħa l-art in kwistjoni bi qbiela mingħand il-Kummissarju tal-Artijiet.[1] In segwitu għall-mewt tiegħu, l-armla, l-konvenuta Mary Cauchi (li mietet fil-mori tal-kawża, u ssuċċedewha l-kontendenti kollha barra l-Kummissarju tal-Artijiet), talbet li tiġi rikonoxxuta minfloku fil-qbiela ta'din l-art. It-talba tagħha ġiet milqugħa permezz ta' ittra datata t-18 ta' Lulju 2005.[2] Imma b'ittra oħra tat-3 ta' Marzu 2006, il-Kummissarju tal-Artijiet ddikjara li kien qed jirrikonoxxi sew l-armla kif ukoll l-erba' wlied tal-mejjet Joseph Cauchi bħala ko-inkwilini tal-istess art, u li għalhekk il-kontenut tal-ittra tat-18 ta' Lulju 2005 kien qed jitħassar.[3]

L-attur, madankollu, qed jippretendi illi skont ma jipprovdi l-Kap. 199 tal-Liġijiet ta' Malta, kellu jkun hu biss li messu ġie rikonoxxut f'din il-qbiela in segwitu għall-mewt ta' missieru. Dan in konformita' mal-artikolu (2) ta' din il-liġi bħala l-membru tal-familja li kien qed jaħdem ir-raba' mal-kerrej jew għalih matul l-aħħar sena qabel il-mewt tiegħu. In sostenn ta' dan, l-attur ressaq diversi xhieda, barra dik tiegħu stess, biex jikkonfermaw li hu kien tassew jaħdem ir-raba mqabbla lil missieru.

Imma l-liġi f'dan ir-rigward hija ċara u inekwivoka tant li ma tirrikjedi ebda interpretazzjoni, u dan għaliex f'dan l-artikolu tiddefinixxi il-kelma "kerrej" bħala li: "tinkludi kull membru tal-familja li jkun cessjonarju tal-kirja u, wara l-mewt tal-kerrej, meta ma jkun hemm ebda membru bhal dak, tinkludi **f'ordni ta' preferenza** kull membru tal-familja li jkun legatarju tal-kirja jew li, matul l-ahhar sena minnufih qabel il-mewt tal-kerrej, kien jghix mal-kerrej jew kien qed jahdem ir-raba' mieghu jew ghalih jew ikun il-werriet tal-kerrej; tinkudi wkoll relattivament ghal sullokatur, sub-konduttur, liema kelma ghandha titqies f'dik ir-relazzjoni bhala li jkollha l-istess tifsir bhal kerrej fl-estensjoni shiha tieghu."

Din il-ġerarkija f'dawk li għandhom dritt jissuċedu f'kirja ta' raba', wara l-mewt tal-inkwilin, ġiet konfermata wkoll fil-ġurisprudenza.[4] Irriżulta inkontestat li l-inwilkin Joseph Cauchi miet meta uliedu kienu għadhom żgħar,(l-attur, it-tifel il-kbir, kellu biss sittax il-sena) u kollha kienu għadhom jgħixu d-dar miegħu. Kif rajna, sitwazzjoni bħal din, fl-ordni ta' preċedenza stabilita mil-liġi, tiġi qabel dik ta' min ikun fl-aħħar sena qabel il-mewt tal-inkwilin jaħdem ir-raba' miegħu jew għalih. Għamel sew għalhekk il-

[1] Ara kopja tagħha esebita bħala "dok. A" a fol. 64 – 67 tal-proċess
[2] Ara kopja tagħha esebita bħala Dok. A a fol. 6
[3] Ara kopja tagħha esebita bħala Dok. B a fol. 7
[4] Appell Inferjuri, 24.11.2003: Elsa Camilleri vs Joseph Rizzo

Kummissarju tal-Artijiet meta kkoreġa l-iżball li kien wettaq fl-ewwel ittra ta' rikonoxximent, u beda jagħraf minflok lill-armla u l-ulied kollha bħala ko-inkwilini. Allura, anke għal daqshekk biss l-attur ma jistax ikollu raġun fil-pretensjonijiet tiegħu.

Imma ġara li fil-mori tas-smiegħ ta' din il-kawża mietet l-armla ta' Joseph Cauchi, u omm l-attur.[5] Fit-testment tagħha tal-5 ta' Jannar 2006 ħalliet *"b'titolu ta' prelegat a favur ta' wliedha: Michael, Carmel u Josephine Abela, mart Nazzareno Abela, ahwa Cauchi, fi kwoti ugwali u indivizi bejniethom u bid-dritt ta' l-akkrexximent bejniethom fin-nuqqas, id-dritt ta' inkwilinat li hija tgawdi minghand id-Dipartiment ta' l-Artijiet, tal-Gvern ta' Malta, fuq it-territorju kollu imsejjah Ta' Ghajn Nahrin, fil-limiti tal-Qala, Ghawdex, tal-kejl ta' circa tnax-il elf hames mija u tlieta u hamsin metri kwadi (12,553m.k.) registrat mal-Gvern bil-file numru GS erba' u għoxrin tas-sena elf disa' mija u wiehed u sebghin (G.S. 24/71) – Tenement numru 'Z' hamsa zero wiehed tlieta tlieta (Z50133)…".* [6]

Imbagħad fir-raba artikolu tal-istess testament għamlet din it-twiddiba:

*"It-testatrici trid u tordna li jekk xi hadd mill-eredi taghha fuq nominat jipprova b'xi mod jattakka jew jimpunja ir-rikonoxximent tad-dritt ta' inkwilinat mill-Kummissarju ta' l-Art tar-raba deskritt fit-tieni artikolu ta' dan it-testment, inkluz ghalhekk anke li jfittex litigji bil-Qorti dwar l-istess raba', huwa jew hija jitlef jew titlef kull beneficcju imholli lilu jew lilha b'dan it-testment u jikkonsegwixxi jew tikkonsegwixxi biss is-sehem rizervat, skond il-Ligi."*[7]

Ta' min jinnota hawnhekk illi dawn id-disposizzjonijiet testamentarji saru xahrejn qabel ma l-Kummissarju tal-Artijiet biddel id-deċiżjoni preċedenti tiegħi, u kien għadu jirrikonoxxi biss lil Mary Cauchi bħala inkwilina tal-art in kwistjoni.

Din il-kawża ġiet istitwita fl-10 ta' Mejju 2006 meta allura l-attur presumibilment ma kienx jaf bil-kontenut ta'dan it-testment. Ġara pero' li in segwitu għall-mewt ta' ommu,[8] huwa qasam ma' ħutu, l-eredi l-oħra tagħha,[9] xi depożiti bankarji u investimenti oħra li kellha, u ġie għalhekk li aċċetta l-wirt tagħha.[10] Dan ammettieh l-attur stess fil-verbal magħmul fl-udjenza tal-4 ta' Marzu 2016 fejn insibu jingħad:

*"Dr. Carmelo Galea ghall-attur jiddikjara li m'hemmx kontestazzjoni li l-attur ha flus provenjenti mill-wirt ta' ommu wara l-mewt taghha u għalhekk jigi li jaccetta l-*

[5] Ara kopja taċ-ċertifikat tal-mewt tagħha a fol. 583
[6] Ara artikolu II tat-testment tagħha in atti Nutar Dr. Paul G. Pisani; kopja esebita a fol. 588 - 590
[7] Ara artikolu IV ibid.
[8] Li grat fit-12 ta' Frar 2015 (ara kopja taċ-ċertifikat tal-mewt tagħha a fol. 583)
[9] Skont l-artikolu III tat-testment tagħha
[10] Ara dokument A a fol. 623 - 639

*wirt taghha, kif ukoll li l-art li tissemma fit-testment tal-omm hija l-istess art mertu ta' din il-kawza."*[11]

Dan l-istat ta' fatt wassal lill-konvenuti u kjamati fil-kawża sabiex, wara d-debita awtorizzazzjoni, jressqu eċċezzjoni ulterjuri fis-sens li l-attur ma kienx fadallu interess ġuridiku biex ikompli b'din il-kawża. Il-**Mattirolo**[12] ifissier b'mod tassew luċidu x'inhu l-interess ġuridiku li jrid ikun hemm f'kull kawża, bil-mod segwenti:

*"54. L'azione presuppone il diritto, che essa e' chiamata a tutelare; ma perche' la si eserciti e' mestieri che vi si abbia interesse. Indi' la massima di giurisprudenza tradizionale "**l'interesse e' la misura di azione**" "**point d'interet, point d'action**". Il Codice di procedura civile italiano enuncia questo principio, applicandolo sia all'attore che al convenuto: all'articolo 36 (illum art.100 c.p.c.) e' detto che '**per proporre una domanda in giudizio e per contradirre alla medesima, e' necessario avervi interesse'**….l'interesse necessario per potere partecipare alla causa in qualita' di attore, di convenuto, o di terzo interveniete – deve essere **diretto, legittimo, e attuale.***

*55. E' mestieri dapprima che l'interesse sia **diretto, personale**, perche' …niuno e' ammesso a stare in giudizio se non per difesa di un interesse proprio, o di persona che esso legalmente rappresenta.*

*56. L'interese deve in secondo luogo essere **legittimo**, cioe' confome al diritto di chi sta in causa. L'interesse e' cosa essenzialmente distinta dal diritto, come l'utile e' distinto dal giusto; l'azione compete soltanto a tutula dei diritti, l'interesse e' la molla che la mette in esercizio. Quindi, se l'interesse e' scompagnato dal diritto, non vi ha azione, non giudizio possibilie; cosi' che, per isituire un giudizio, non basta che un fatto d'altri pregiudichi i nostri interessi, ma occorre che questo fatto ci arrechi un danno giuridico, danno che non esiste se non e' injuria datum, se cioe' non e' prodotto da chi, esorbitando dalla sfera del diritto proprio,offende un nostro diritto.*

*57. Per ultimo l'interesse deve essere **attuale,** val quanto dire occorre che esista al momento in cui si propone l'azione. Avvertasi pero' che l'interesse puo' essere attuale, sebbene il diritto a cui si riferisce sia soltanto a termine, od anche solo eventuale; imperocche' anche un diritto eventuale puo' essere leso; e la lesione fa sorgere l'interesse attuale e legittimo ad ottenere al ricognizione del diritto col mezzo di una condanna preventiva, che risolva la contesa presente" .*

Il-liġi proċedurali tagħna ma tipprovdix artikolu speċifiku dwar dan l-interess ġuridiku f'kawża bħal ma tagħmel dik taljana. Imma kif kellhom okkażjoni jgħidu l-Qrati tagħna:

---

[11] Ara verbal a fol. 649
[12] Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiano;Torino 5ta. Ed. 1902 # 54 et. seq. pag.50 - 52

*"Fu nondimeno ritenuto nella patria giurisprudenza, malgrado il difetto di una preciza disposizione della legge in materia,e come corollario di queste due disposizioni (ss. 256 u 960) che base e misura di ogni azione giudiziario e' l'interesse in chi la istituisce e in chi la contesta; perche' se l'interesse e' una condizione sine qua non per il semplice intervento o per l'appello, e' tale con maggior ragione per poter iniziare un giudizio".*[13]

Fil-każ in eżami l-attur, għalkemm meta ġiet istitwita din il-kawża jista' jingħad li kellu dan l-interess ġuridiku rikjest f'kull kawża, ma jistax jippretendi li jibqa' għaddej qisu ma ġara xejn la darba fil-mori tas-smiegħ ta' din il-kawża u wara li mietet ommu, aċċetta sehmu, bħala wieħed mill-eredi ta' ommu, mid-depożiti bankarji u investimenti oħra finanzjarji li din kellha f'isimha. Kif ġie mfisser f'żewġ deċiżjonijiet ta' din il-Qorti (diversament ippresjeduta):

*"…La darba l-attrici accettat dan il-wirt issa ma tistax tispettezza l-istess wirt, billi fejn jaqblilha taccettah u fejn ma jaqblilhiex iggib 'l quddiem argumenti li fil-fehma tal-Qorti qegħdin jingiebu biss frott ta' pika zejda;"*[14] u

*"Finalment izda, din il-Qorti tqis li l-insenjamenti b'mod partikolari tal-Professur Ganado huma cari fejn jingħad illi la darba l-konvenuti accettaw l-eredita' mingħajr il-beneficcju tal-inventarju, allura huwa obbligu taghhom, li jonoraw il-legati kollha mhollija fl-eredita' minghajr ebda tnaqqis bazat fuq il-valur tal-eredita'."*[15]

L-element tal-attwalita' ġie nieqes mal-mument li l-attur irċieva assi provenjenti mill-wirt ta' ommu, u b'hekk ġie li aċċetta l-provvedimenti hawn indikati tat-testment tagħha, mingħajr ebda kondizzjonijiet jew riserva. Ingħad a propositu illi:

*"… dak li jirrigwarda l-element ta' l-attwalita' tal-interess 'm'huwiex bizzejjed li l-interess ikun jezisti fil-mument tal-bidu tal-kawza, imma jrid ukoll jibqa' jissussiti sa l-ahhar taghha' – Terence Edward Crossey- vs - Mario Blackman, Prim'Awla, Qorti Civili, 25 ta' Mejju 1965 (vol.XLIX pt. ii p. 924), konfermata in sede appell fil-11ta' Frar 1966 (vol. L p. I.p45). Fl-istess sens id-decizjoni tal-Qorti tal-Appell tas-17 ta' Frar 1993 in re:- 'Joseph Sammut et noe –vs- Carmelo Attard."*[16]

Hekk ukoll insibu li:

---

[13] Micallef Goggi vs Armando Mifsud: kollez vol.XXVII.I.507
[14] Qorti ta' Għawdex, Ġurisdizzjoni Superjuri (Sezzjoni Ġenerali) - 15.05.2015: Maria Galea vs Angelo Mizzi et.
[15] Qorti ta' Għawdex, Ġurisdizzjoni Superjuri (Sezzjoni Ġenerali) – 18.10.2016: Stephanie Grima vs Dr. Jean Paul Grech nomine
[16] Appell Inferjuri, 19.05.2004: Veronique Amato Gauci vs Marco Zammit

*"Min jaccetta eredita' testata huwa obbligat jirrispetta d-disposizzjonjiet kollha kontenuti fit-testment. L-eredi li jaccetta t-testment ma jistax jopponi l-preskrizzjoni ta' debitu li jirrizulta kontra tieghu minn dak it-testment."*[17]

L-attur, għalhekk u in vista ta' din l-aċċettazzjoni, huwa issa obbligat li jonera l-intenzjonijiet ta' ommu u jaqsam flimkien ma' ħutu ndikati fil-legat imħolli minnha, l-inkwilinat tal-art in kwistjoni, b'tali mod li ma jistax ikompli jinsisti bit-talbiet tiegħu kif proposti f'din il-kawża.

Għaldaqstant tiddeċidi billi tilqa' l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenut Michael Cauchi u l-kjamati fil-kawża dwar in-nuqqas ta' interess ġuridiku fl-attur li jkompli jippromwovi din il-kawża, u tilliberahom, flimkien mal-konvenut Kummissarju tal-Artijiet, mill-osservanza tal-ġudizzju.

Bl-ispejjeż, apparti dawk ġia deċiżi fis-sentenza preliminari tagħha tas-27 ta' Ġunju 2007, ikunu a karigu tal-attur.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur



[17] Appell, 14.02.1941: Rosaria Portelli noe vs Joseph Portelli